MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 1212/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Carmelo Pace**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm328.73c (tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu) rapprezentanti bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99829894.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Michael Grech li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm328.73c (tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------